# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' April, 2001 .

Kumpilazzjoni Numru : 25/2000 .

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**VS**

**LOREDANA CEFAI, ta' 18-il sena, bint il-mejjet John Mary u Angela nee' Mifsud, imwielda Pieta' fis-7 ta' Frar, 1982 u residenti 81, Triq ix-Xatt, Pieta', ID Card No: 294882(M);**

**MELISSA MICALLEF, ta' 18-il sena, bint Anthony u Helen nee` Sammut, imwielda Pieta fil-15 ta' Marzu, 1981 u residenti Block 5A, Flat 8, Misrah Lewza, San Gwann, ID Card No: 160781 (M) ; u**

**ALBERTA AMATO, ta' 14-il sena, bint Albert u Dolores nee' Spiteri, imwielda Pieta' fit-22 ta' Awissu, 1985 u residenti White Ivy, Triq il-Gladjoli, San Gwann, ID Card No: 434985 (M) .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-akkuza li permezz taghha l-imputati gew akkuzati :**

**A) Talli fil-21 ta' Frar, 2000, ghal habta tat-3.00p.m, fi Triq Sdieri, limiti tal-Gharb, Ghawdex, ikkommettew serq ta' kartiera minn**

**fuq il-persuna ta' Saskia Christina De Bruijn, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u l-lok .**

**B) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja f'periklu car, ikkommettew feriti gravi (sfregju) fuq il-persuna ta' Merjim Groen .**

**C) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw feriti hfief fuq il-persuna ta' Saskia Christina de Bruijn .**

**D) Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiswa iktar minn LM50 u li saret ghad-dannu ta' Saskia Christina de Bruijn u Merjim Groen .**

**E) Talli f'dawn il-gzejjer, fl-20 u l-21 ta' Frar, 2000, ikkommettew serq ta' flus ghad-dannu ta' Christopher Ellul .**

**F) Alberta Amato wahedha talli fil-jiem ta' qabel il-21 ta' Frar, 2000, f'dawn il-gzejjer, saqet vettura bil-mutur minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u b'hekk giet li saqet minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni .**

**G) Alberta Amato wahedha talli fil-21 ta' Frar, 2000, f'Ghawdex, saqet vettura tal-mutur bin-numru tar-registrazzjoni JAH 018 b'manjiera traskurata u perikoluza .**

**H) Aktar lil Alberta Amato wahedha talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara saret ghad-dannu ta' Johann Azzopardi .**

**I) U fl-ahhar lil Alberta Amato wahedha talli kisret id-dispozizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Awissu, 1999 .**

**Rat il-fedina penali ta' l-imputati .**

**Rat id-dokumenti kollha annessi mal-kawza .**

**Rat ukoll il-verbali tax-xhieda prodotti .**

**Rat ir-rinviju ta' l-avukat Generali ta' l-ewwel ta' Marzu, 2001 fejn qal illi tista' tinstab htija :**

**<u>fil-konfront tal-imputati Loredana Cefai u Melissa Micallef biss;</u>**

**fl-artikli 261(a)(e), 262, 269, 276, 277, 281, 214, 215, 216, 218, 221, 325(a), 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali ; u**

**<u>fil-konfront ta’ Alberta Amato biss,</u>**

**(a) fl-artikli 261(a)(e), 262, 269, 276, 277, 281, 214, 215, 216, 218, 221, 325(a), 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali :**

**(b) Fl-artikoli 15, 18 tal-Kap. 65 u fl-Avviz Legali 128 tal-1994 ;**

**(c) Fl-artikoli 3 u 22 tal-Kap. 104 ;**

**(d) Fl-artikoli 5, 9 u 12 tal-Kap. 152 .**

**Semghet lill-imputati prezenti fl-awla jghidu li ma jsibu ebda oggezzjoni li din il-kawza tkompli tinstemgha minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali .**

**Semghet ukoll lill-imputati prezenti fl-awla, jammettu l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom, .**

**Il-Qorti, ghal hekk in vista ta’ din l-ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannahom ghal <u>sena priguneriјa sospiza ghal sena .</u>**

**Fil-konfront tal-imputata Alberta Amato, peress illi r-reati illi ghalihom giet akkuzata permezz ta’ din il-kawza, sehhew fil-perijodu ta’ probation, ta’ sentenza ohra li nghatat fis-27 ta’ Awissu, 1999; tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex jibghat l-atti ta’ din il-kawza quddiem il-Qorti li tat dik is-sentenza tas-27 ta' Awissu, 1999, sabiex jiehdu l-passi opportuni skond il-ligi, jew kopja tas-sentenza, skond kif mehtieg .**

**Magistrat .**

**Deputat Registratur .**

SK2500Pc
728